



Brussell, 4 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12530/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0325(NLE)

MAR 138
OMI 55
ENV 622

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12173/18 MAR 120 OMI 49 ENV 595
Nru dok. Cion:	12103/18 MAR 118 OMI 48 ENV 593
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul it-73 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u l-100 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, rigward l-adozzjoni ta' emendi għar-regolament 14 tal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri u għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 - Adozzjoni

INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni għaddiet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni għat-73 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 73) u għall-100 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC 100) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) rigward tal-adozzjoni ta' emendi għal ċerti strumenti obbligatorji f'dawk il-laqgħat.

3. L-MEPC 73 (22-26 ta' Ottubru 2018) huwa mistenni jadotta emendi għar-regolament 14 tal-Anness VI għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri ("Anness VI MARPOL"). Dawk l-emendi jikkonċernaw il-projbizzjoni fuq il-ġarr ta' żejt kombustibbli mhux konformi (jiġifieri żejt kombustibbli b'kontenut ta' kubrit akbar minn 0.5%) għal finijiet ta' kombustjoni għall-propulsjoni jew l-operazzjoni abbord vapur. Din il-projbizzjoni fuq il-ġarr tikkontribwixxi għal infurzar b'saħħtu tal-limitu globali ta' 0.5% fuq il-kontenut ta' kubrit fi żjut kombustibbli li jsir effettiv fl-1 ta' Jannar 2020. Dawk l-emendi jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
4. L-MSPC 100 (3-7 ta' Diċembru 2018) mistenni jadotta emendi għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011) li jinkludu emendi editorjali tal-Kodiċi iżda anki rekwiżiti sostanzjali ġodda. Il-Kodiċi ESP tal-2011 ġie introdott fid-dawl tal-inċidenti marittimi li kienu jinvolve bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u tankers taż-żejt. Fir-rigward tat-tankers taż-żejt b'buq wieħed, l-emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011 ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

5. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-18 u l-25 ta' Settembru 2018. Fil-laqgħa tal-25 ta' Settembru, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu qabel dwar is-sustanza tal-proposta.
6. F'dan l-istadju, id-Danimarka u r-Renju Unit iżommu riżervi ta' skrutinju parlamentari.

¹ Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).

² Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3).

KONKLUŻJONI

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill huma mistiedna jadottaw id-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 12495/18, imħejji mill-ġuristi lingwisti.
